KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 38_15-10-08 V |
|---|

# MINUTI TAT-TMIENJA U TLETIN SEDUTA

**It-tmienja u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella**<br>Nikki Dimech |
| **Skużati:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:20 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 37_17/09/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

***Kien hemm minuta silenzju b'rispett tal-mewt ta' l-Onorevoli Karl Chircop.***

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 37_17/09/08.**

Is-segretarju eżekuttiv qara korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio dwar korrezzjonijiet fil-minuti. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li din il-korrezzjoni għandha ssir waqt din is-seduta minħabba li l-kunsilliera involuti M. Azzopardi u M. Briguglio ma kienux preżenti.

Fuq dan il-punt kien hemm qbil li kull darba li jkun hemm korrezzjoni fil-minuti għanda ssir fil-presenza tal-kunsilliera konċernati.

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif ġew preżentati filwaqt li ġew issekondati mil-viċi sindku A. Bonello Dupuis. Il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, N. Dimech u N. Dimech ivvotaw favur.

***Daħal il-kunsillier L. Vella fl-4.30pm***

**2. Materji konnessi mal-minuti**

Ma kien hemm l-ebda materji konessi mal-minuti.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Inqrat korrispondenza mill-avukat Louis Bianchi dwar *Costa Cafe* fix-Xatt ta' Tigne fejn qiegħed jinforma lill-kunsill li l-*Costa Cafe* għandhom il-permessi kollha neċessarji biex ioperaw, filwaqt li jżommu lill-kunsll responsabbli fil-każ li l-kunsill jikteb lill-kurja li hu kontra l-imwejjed u s-siġġijiet. Madankollu l-kunsilliera preżenti qablu li għandna nirrispondu bl-avukat tagħna.

3.2 Korrispondenza mill-Awtorita Dwar it-Trasport fejn kitbu lis-Sur Gaetano Bonnici sabiex jitlob lill-kunsill għal kunsiderazzjoni biex issir *reserved parking* għal *blue badge* fi Triq Ġorġ Borg Olivier flok it-talba oriġinali tiegħu għal *loading/unloading* minħabba n-natura tal-ħanut li għandu. Il-kunsill ma qabilx dwar dan.

3.3 Ittra minn *Scala Developments* rigward *hoarding* fi Sqaq Patronat fejn qiegħdin jitolbu *refund* tal-ħlas li kien sar għall-permessi minħabba li dan l-isqaq huwa privat, wara li l-Perit Grixti Soler kellu konferma mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Madankollu l-kunsill xtaq li jikteb lill-istess Dipartiment fejn jistaqsi r-raġuni għaliex f'dak l-isqaq għaddejjin *drainage connections* u hemm ukoll dwal tat-toroq.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-membri tal-kunsill preżenti li kien ġie resident sabiex japplika għal permess tal-krejn biex iwaqqa dar fi Triq Milner ma' Triq Howard. Informa ukoll li l-kunsill irriffjuta li jagħti l-permess minħabba li l-kunsill stess kien għadu kif iddeċieda li jitfa' l-appell tiegħu kontra dan l-istess żvilupp. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono qal li ma jafx kemm il-kunsill b'mod legali jista jagħmel dan. Il-kunsill qabel li għandu jsaqsi l-parir ta' l-avukat jekk nistgħux nibqgħu nirrifjutaw permessi f'din iċ-ċirkustanza.

3.5 It-talba għal *reserved parking* fi Triq Sir George Borg (Rif 137) ma ntlaħħqitx mil-kunsill.

3.6 Korrispondenza mill-MRRA għall-attivita ta' *Clean up the World Campaign.* Il-kunsill ma qabilx li jipparteċipa din id-darba.

3.7 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti dwar it-tiżjien tal-Milied. Il-kunsill diġa għandu l-istimi kollha neċessarji għalkemm għadu qiegħed jistenna risposta mill-*Malta Tourism Authority* jekk hux se jerġgħu jagħtu s-somma bħal dik li kienu tawna s-sena l-oħra. Eżatt wara l-kunsill għandu jiltaqa mas-sidien tal-ħwienet ħalli jsiru l-arranġamenti. Għal din is-sena l-ispiża se tkun aktar għolja minħabba s-*surcharge*, u allura l-kunsill se joħroġ 465.87 ewro aktar mis-sena l-oħra li b'kollox jammonta madwar

3494.06 ewro. Il-kunsill għandu jistaqsi lill-ħwienet humiex lesti li jżiedu fl-ammont li kienu taw is-sena ta' qabel. Il-kunsill qabel li dan il-proċess għandu jimxi taħt l-amministrazzjoni tal-kunsill peress li s-sena ta' qabel kien mexa kollox sewwa.

3.8 Korrispondenza mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar is-sit ta' ħdejn il-bandli ta' l-Exiles, fejn infurmaw lill-kunsill li biex jieħu din l-art irid jibda proċess ta' devoluzzjoni. Il-kunsill għandu jieħu parir mill-perit tiegħu sabiex jara jekk hux vijabbli li jinbeda dan il-proċess.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li fil-gazzetta tal-gvern tal-Ġimgħa 22 ta' Awissu, 2008 kien hemm notifikazzjoni mill-Gvern. Din tgħid li parti minn Triq il-Knisja li tiżbokka minn Triq San Trofimu tissemma għal Dun Pawl Vella (Benefattur).

3.10 Korrispondenza mill-*Malta Tourism Authority* rigward il-fatt li m'hemmx bankina fejn jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet ta' *Lady Di Pub* fi Triq Hughes Hallet għalkemm għandu l-permessi kollha neċessarji. Il-kunsill ma qabilx li għandha ssir bankina u li l-awtoritajiet kellhom jieħdu inkunsiderazzjoni qabel ma' ngħata l-permess.

3.11 Korrispondenza mid-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward talba f'isem is-Sur Anthony Fenech għall-imwejjed u siġġijiet fi Triq it-Torri. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.12 Korrispondenza mil-kunsillier M. Briguglio rigward informazjonni dwar il-*local plans* tal-MEPA kif għandha tidher fil-magazin u li l-kunsill iqabbad is-servizz ta' *townplanner* f'dan il-każ. Il-kunsill reġa qabel li meta wieħed iressaq il-proposti tiegħu għandu jkun preżenti fil-laqgħa tal-kunsill biex jispjega s-suġġett.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti, rigward l-istat tal-garaxx miftuħ li jinsab qabel triq il-Ħnejja, li s-sid tiegħu ma nafux min hu. Il-pulizijia ssuġġerew li l-kunsill għandu jtella' ħajt. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni la darba jafu l-pulizija stess. Madankollu s-Sindku qalet li jkun tajjeb li l-kunsill jibgħat email lill-ispettur Anne Marie Micallef biex tagħtina konferma bil-miktub li l-kunsill jista jtella dan il-ħajt.

3.14 Korrispondenza mis-Segretariat tat-Turiżmu fejn talbu għal rappreżentant/a mill-kunsill għal *Tourist Zones*. Il-kunsill qabel li għandha tkun is-Sindku M. Arrigo.

3.15 Korrispondenza minn *JPM Bros Ltd* għal laqgħa dwar *culverts* li qegħdin joħolqu problema lir-residenti fi Triq Depiro, sabiex jiltaqgħu mal-kunsill fl-uffiċċju tagħhom. Il-kunsill qabel li għandna niltaqgħu magħhom fl-uffiċċju tal-kunsill.

3.16 Dwar il-proposti rigward il-problema tat-traffiku f'Tas-Sliema li ressaq is-Sur Morana, il-kunsill żamm ma' l-istess opinjoni li l-ADT huma l-esperti tekniċi. Il-kunsill ma għandux alternattivi jew soluzzjonijiet oħra minħabba li l-fatt li ma jridx ittaffi problema ta' naħa fejn jistgħu jiġu kkawżati f'toroq oħra.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fil-5.20pm.*

3.17 Korrispondenza mill-MEPA fejn talbu għal laqgħa mal-kunsill dwar *Sliema local plans* kif ukoll mil-*Heritage Planning Unit* fejn talbu li jiltaqgħu mal-kunsill. Il-kunsill qabel li għandu jippreserva dawk iż-żoni li diġa li qegħdin fl-*Urban Conversation area*, filwaqt li se jkun f'pożizzjoni li jiltaqa mal-MEPA u mal-Heritage Planning Unit wara li jkun lesta l-fażi ta' konsultazzjoni.

*Ġie skużat li jitlaq mis-seduta l-kunsillier N. Dimech fil-5.30pm.*

3.18 Korrispondenza mil-*Lands Department* dwar il-*beach concessions* f'Tigne fejn qegħdin jitolbu lill-kunsill biex jagħtu l-ismijiet ta' l-operaturi jew jibgħat *site plan*. Il-kunsill għandu jikteb lil *Lands Department* fejn jinfurmahom li bħala dipartiment li ħareġ il-permessi, din id-dokumentazzjoni għandha tkun għandhom. Il-kunsill qabel ukoll li din il-komunikazzjoni sħiħa għandha tintbagħat ukoll lis-Sur Jason Azzopardi u lis-Sur Paul Miruzzi b'din ir-risposta.

3.19 Talba mill-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor għal għajnuna finanzjarja għal lejla Malitija li se ssir f'Diċembru, 2008. Il-kunsill ma' jistax jilqa' din it-talba.

3.20 Il-kunsill qabel li jżomm il-pubblikazzjonijiet minn *Wise Owl Publications* bl-isem *Malta at War* għall prezz ta' 83.97 ewro ta' tliet volumi u jintbagħtu lil Librerija Margaret Mortimer.

3.21 Korrispondenza minn *G.M. Productions* sabiex il-kunsill ikun jista jipparteċipa bil jagħti plakka kommemorattiva. Il-kunsill ma setgħax jilqa' din it-talba minħabba li ma taqax taħt skeda 8.

3.22 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-kopji tal-*quarterly financial report* (April sa Ġunju 2008) li kienu ntbagħtu lill-kunsilliera qabel is-seduta. L-*accountant* tal-kunsill spjega li l-pożizzjoni finanzjarja hija b'saħħita. Issuġġerixxa wkoll li l-kunsill jista jagħmel xi proġetti u jkun jista japplika għal *UCA funds*. Il-kunsill għandu jara xi stimi mill-perit u kwotazzjonijiet oħra sabiex naraw kemm tiswa l-manutenzjoni u tibdil tal-*Playing Fields*. Il-kunsill għandu jibgħat din it-talba lil-MEPA biex naraw jekk mhiex applikabbli, qabel ma nidħlu fi spejjeż ta' stimi, perit u l-*ispecifactions* għat-tender. Kopja ta' din it-talba għandha tintbagħat lill-Onoroveli Chris Said kif ukoll lil Prim Ministru.

3.23 Is-segretarju eżekuttiv reġa ressaq korrispondenza dwar l-applikazzjonijiet lil MEPA ta' Triq Sir Adrian Dingli numru disa u għaxra. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill għadu jżomm ma' l-istess kundizzjonijiet li kien diġa ta' deċiżjoni fuqhom jiġifieri li tinzamm il-faċċata u l-bini propost ikun fil-kuntest tal-bini ta' madwaru.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-Viċi sindku fakkar lill-kunsill li l-bozza fi Triq il-Kbira kienet għada ma twaħħlitx.

4.2 Il-kunsiliera ġew infurmati li fuq il-vann tal-kunsill li kien ġie mogħti lil *St Francis Association* għall-animali abbandunati, se tinżebagħ il-logo tal-kunsill biex ikun indikat li dan ġie mogħti minnha.

4.3 Il-viċi sindku rrimarka dwar il-fatt li kien hemm *skip* li tpoġġa fi Triq Tigne' filwaqt li kien hemm xogħlijiet għaddejjin fi Triq it-Torri, fejn irrefera għal każ li ma tħalliex jitpoġġa skip meta talbu l-Union Club. Il-viċi sindku qal li l-iskip ma kienx qiegħed itellef mix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq it-Torri u seta jitpoġġa xorta waħda. Is-Sindku M. Arrigo qalet li dan kien bla permess u filfatt ġie mneħħi. Is-Sindku qalet ukoll li fil-laqgħa ta' koordinazzjoni li kienet saret ma' l-ADT u l-entitajiet l-oħra qabel ma beda dan ix-xogħol, ġie deċiż li fost ħafna toroq oħra, Triq Tigne kienet waħda mit-toroq li ma setax ikollha ostakli minħabba t-*traffic flow*.

4.4 Il-kunsillier J. Galea ressaq proposta fejn qal li hemm kumpanija li tieħu ħsieb il-magazin tal-kunsill b'xejn u li jieħdu ħsieb ir-riklami wkoll. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' din il-kumpanija fejn fost affarijiet oħra jiddiskutu l-ammont ta' paġni li l-kunsill għandu dritt, riklami eċċ. Sadanitant il-kunsill għandu jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jridx issejjaħ *expression of interest.*

*Il-viċi sindku ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.40pm*

4.5 Il-kunsillier J. Galea fakkar li l-kunsill għandu jiltaqa' mal-GRTU dwar ir-*residential parking zones* sabiex ikun jista jitmexxa l-proċess. Is-segretarju eżekuttiv informa li kiteb diversi ittri lill-ADT fejn ir-risposti tagħhom kienu li ma jistgħux jipproċedu qabel mal-kunsill jaqbel mat-33 perċentaġġ ta' applikazzjoni ta' RPZ f'żoni kummerċjali. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-GRTU fil-presenza tal-ADT.

4.6 Il-kunsillier J. Galea talab li r-residenti tal-MIDI li għandhom jibdew jirċievu l-magazin tal-kunsill.

4.7 Il-kunsilliera M. Aquilna u L. Vella nfurmaw lill-kunsill li jixtieqū jorganizzaw attivita' kulturali għal zmien il-Milied fit-Teatru tas-Salesjani. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Il-kunsillier L. Vella ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9784 sa 9849. Il-kunsillier J. Galea ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina u M. Debono approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-7pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**